MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Numru. 843/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Kevin J Farrugia)**
**vs**
**Josette Vella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Josette Vella** ta' 38 sena, bint il-mejjet John u Carmen *nee* Schembri, mwielda Melbourne Awstralja, nhar il-21 ta' Mejju, 1965, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 25581(M), residenti 'Graziella', Buontempo Estate, Triq il-Wied, Balzan;

Talli f'dawn il-gzejjer, minn gewwa ir-residenza 'Cuor di Gesu', Trqi Victor Vassallo, Attard, matul l-ahhar xhur ta' qabel l-ewwel t'Ottubru, 2004 b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda f'hinijiet differenti ikkommettiet serq

ta' deheb u oggetti ohra a detriment ta' Yvonne Vella, liema serq jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) izda ma jeccedix is-sitt t'elef lira Maltin (Lm6,000) liema serq huwa ikkwalifikat, bil-valur, bil-lok u bil-persuna dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 268, 279 (b), 269 (g) u 281 (a) (b) tal-kodici kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li tkun indhalt biex tbiegh jew tmexxi dawn l-oggetti, ai termini tal-artikolu 334 (a) tal-kodici kriminali tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli bhala ufficjali jew impjegat pubbliku, int hatja ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghha kella d-dmir li timpedixxi ai termini tal-artikolu 141 tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tittrata ma l-imputat Josette Vella li hi ricediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kapitoli 9 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Stante li l-Avukat Generali ma kienx ghadu ta l-kunsens tieghu ghat-trattazzjoni u smiegh bil-procedura sommarja, wara li tat bizzejjed zmien lill-imputata biex terga tikkontempla d-dikjarazzjoni ta' htija taghha, hija affermat l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibha hatja.

Rat l-artikoli 261, 267 sa 269, 281, 334 u 141 tal-Kap 9;

Stante li l-fedina penali esebita mhix sufficjenti ghall-fini ta' prova tar-resediva, l-imputata tista tibbenifika mill-provedimenti tal-artikolu 28A tal-Kap 9 u dan wara li

semghet is-sttomissjonijiet tal-partijiet, fejn huwa indikat l-uzu ta' dawn il-provedimenti.

Ghalhekk tikkundannaha ghala terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputata tikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija u dan sa zmien erba' (4) snin mil-lum skond l-artikoli 28A tal-Kap 9. Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tqieghed lill-imputata taht supervizzjoni ta' ufficjal sorvelanti ghall-perjodu ta' erba (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza, u tordna li dawn l-atti jinbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------